FONTANA

Minuti ta` l-erbatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 26 t`April 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>
Il-Kunsill Lokali ta` San Ġwann bagħat korrispondenza lill-Kunsill fejn talab kotba relatati mal-Kunsill tal-Fontana sabiex ikunu jistgħu jinżammu fil-librerija. Il-Kunsill ta` San Ġwann għandu żewġ kotba li jiffokaw fuq l-istorja ta` San Ġwann u t-toroq fl-istess lokal. Il-Kunsill ta` San Ġwann lest li jibgħat dawn iż-żewġ kotba lill-Kunsill tal-Fontana. Il-Kunsill qabel illi jibgħat ktejjeb dwar il-lokal tal-Fontana.
TCTC bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-korsijiet tal-*computers*. Il-Kunsill qabel illi jitlob kopja ta` l-avviż li jintbagħat fid-djar.
Is-Sur David Soler, Uffiċċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt ta` Għawdex, bagħat jinforma lill-Kunsill illi b`effett immedjat qed jassumi direttament ir-responsabilitajiet kollha ta` Uffiċċjal Awtorizzat peress li s-Sinjura Ina Zammit m`għadhiex impjegata ma` *Relos Services Limited*.
L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal bagħat korrispondenza bis-suġġett "Kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal u ż-Żgħażagħ".
Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta` l-Ugwaljanza (NCPE) ser torganizza serje ta` *seminars* bil-għan li jintlaħaq kemm jista` jkun il-pubbliku Malti, u jinkoraġġihom biex ikunu parti minn, jibqgħu jew javvanzaw fis-suq tax-xogħol permezz ta` promozzjoni ta` tipi ta` xogħolijiet f`oqsma differenti. F`Għawdex dawn is-*seminars* ser isiru bejn is-26 t`April u s-17 ta` Mejju fil-*Kempinski Hotel* f`San Lawrenz.
Id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' talab lill-Kunsill tliet kopji tal-pjanti kif approvati mill-MEPA tar-restawr tal-Għajn il-Kbira.
L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta talbet lill-Kunsill sabiex jibgħatilha kopja tal-permess tal-MEPA tal-garaxxijiet fi Triq l-Isptar San Ġiljan sabiex ikun jista' jipproċessa t-talba tal-Kunsill għal sinjali sofor fl-istess triq.
Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien mad-Direttorat għall-Politika u Inizjattivi Ambjentali bagħtu korrispondenza dwar Allokazzjoni ta` sit għall-*Bring-in-Sites*.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar programm ta` taħriġ *'Senior Management Development Programme 2006'* għas-Segretarji Eżekuttivi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tattendi għal dan it-taħriġ.
Is-Sur Sylvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett *'Student Placement Programme 2006'*.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni numru 01668/06 fi Triq Santa Dminka u Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg. Il-Kunsill għandu jitlob lill-MEPA li mal-ħruġ tal-permess għandha tordna lill-iżviluppatur biex jikkontribwixxi għal titjib ambjentali fil-lokalita' tal-Fontana, eżempju r-riabilitazzjoni tal-widien tal-Fontana. Għandhom jiġu ndikati l-applikazzjonijiet pendenti tal-widien li l-Kunsill għandu mal-MEPA. Il-Kunsill qabel.
Inqrat Ċirkulari AKL 23/2006 dwar '*Med-Pact* 2006'.
Inqrat Ċirkulari AKL 24/2006 dwar Assikurazzjoni dwar il-Flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali. Il-Kunsill qabel illi jġedded il-*policy* ta` din l-assikurazzjoni.
Inqrat Ċirkulari AKL 26/2006 dwar Skema ta` Saħħa għall-Kunsillieri, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali 2006-2007. Il-membri kollha qablu li jkunu parti minn din l-iskema.
Inqrat Memo 9/2006 dwar għeluq is-sena finanzjarja 2005/2006.
Inqrat Memo 10/2006 dwar ir-regolamenti għaż-żbir ta` siġar.
Inqrat Memo 11/2006 dwar *Senior Management Development Programme (SMDP)* għas-Segretarji Eżekuttivi.

Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa dwar id-*digital survey* li kellu jsir fi Triq tal-Għajn ħdejn Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku wieġeb illi huwa kkuntattja lill-Perit John Saliba dwaru u mar ukoll fuq il-post miegħu. S`issa dan għadu m`għamlux għalkemm ilu minn Jannar.

Mozzjonijiet

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mis-Sinjura Maria Schembri.
Il-Kunsill qabel illi jinġabu l-prezzijiet ta` qsari tal-ġebel sabiex ikunu jistgħu jsiru qabel il-festa.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mis-Sinjura Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi r-residenti kollha tal-Fontana jingħataw il-permess biex ikunu jistgħu jipparkjaw għal kemm ikollhom bżonn fiż-żoni ta` parkeġġ riservat.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mis-Sinjura Maria Schembri. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Lorry Apap u Anthony Cassar ma jaqblux. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi dak li kien jemmen fih għadu jemmnu. Is-Sindku qal illi l-ewwelnett il-ġemellaġġ hu fil-programm elettorali li ġie approvat b`aktar minn 62 fil-mija ta` l-elettorat tal-Fontana u t-tieni, in-nies tal-Fontana għadhom jistaqsu dwaru. Il-Viċi-Sindku staqsa għaliex meta ressaq il-mozzjoni hu tal-ġemellaġġ m`għaddietx. Is-Sindku wieġeb illi dakinhar ma ġietx sekondata għar-raġuni li dakinhar, f`Mejju tas-sena l-oħra, kien għad qed nistennew it-tweġiba tal-Kunsill ta` *Castel Viscardo* peress li dawn kienu ġew mistiedna biex jattendu

għall-Festa Titulari li saret f`Ġunju ta` l-istess sena. Is-Sindku qal illi mozzjoni aħjar minn din ma jistax ikun hemm għar-raġuni li jekk isir ġemellaġġ skond din il-mozzjoni ikun xi ħaġa komuni għaż-żewġ kunsilli u l-Kunsill tagħna dan għandu x`joffri. Il-Viċi-Sindku qal illi l-bażi tal-mozzjoni hu l-ġemellaġġ u hu kellu ma` min jagħmel ġemellaġġ, kien kellem il-Kappillan, iżda l-ewwel irid jgħaddi l-ġemellaġġ imbagħad jgħid ma` fejn ser isir. Is-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri qalu li qed jisimgħu xi ħaġa ġdida għax qatt ma kienu nfurmati b`dan. Il-mozzjoni m`għaddietx bi tliet voti kontra u tnejn favur.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sinjura Maria Schembri u ssekondata mis-Sindku. Il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-Kunsill tal-Belt Victoria biex tiġi diskussa l-proposta li saret xi ġimgħat ilu biex tiġi magħluqa Triq ir-Repubblika l-isfel. Il-Kunsill għandu jagħmilha ċara li ma hux ser jaċċetta li tinbidel is-sistema tat-traffiku bil-konsegwenza li jiżdiedu aktar vetturi kbar li jgħaddu mill-Fontana. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll illi dan il-punt għandu jitqajjem fil-laqgħa li ser issir fid-9 ta` Mejju 2006 f`nofsinhar ma` l-A.D.T. Il-laqgħa ma` l-A.D.T. ser issir dwar il-proposta tas-Sur George Cassar fuq Triq Vajrinġa.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab sabiex jiġi skużat u ħareġ.

## Is-Sistema tal-Parkeġġ Ikkontrollat

Dwar jekk il-permessi tas-sistema tal-parkeġġ ikkontrollat jistax jagħmilhom il-Kunsill, is-Sindku qal li għalkemm saru diversi kuntatti kemm minnu kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv dejjem bqajna bla risposta. Il-Kunsill qabel illi jagħmilhom hu. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jitlob biex tonqos l-*area* tal-parkeġġ ikkontrollat u s-sistema tibqa` mill-kantuniera ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili sa quddiem Triq il-Qalb ta` Ġesu' u parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan.

## Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 83.89,0 |
| Fondazzjoni Arka | Lm 30.00,0 |
| *Director of Information* | Lm 4.00,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm1185.40,0 |
| *Nature Trust* (Malta) | Lm 26.00,0 |
| *Heritage Malta* | Lm 12.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm 13.50,0 |
| Fondazzjoni Wirt Artna | Lm 19.50,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 27.50,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 107.64,0 |
| Mark Bajada | Lm 43.90,0 |
| Richard Cauchi | Lm 126.39,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 70.80,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm 38.02,0 |

| | |
|---|---|
| *Rapa Showrooms & Co. Ltd.* | Lm 8.30,0 |
| *First United Insurance Brokers Ltd.* | Lm 496.34,0 |
| *Office Needs* | Lm 46.93,0 |
| *B. Grima & Sons Ltd.* | Lm 35.40,0 |
| *B. Grima & Sons Ltd.* | Lm 35.40,0 |
| Laura Grech | Lm 75.00,0 |
| *Office Needs* | Lm 45.00,0 |
| *Sound & Vision* | Lm 5.90,0 |
| Raymond Grech | Lm 79.00,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 127.30,0 |
| Victor Attard | Lm 129.81,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 30.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 546.00,0 |
| Jenise Grech | Lm 78.18,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 147.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 54.59,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 72.00,0 |
| Total | Lm3807.32,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 12/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>

Is-Sinjorina Gracie Cardona ta` 64, Triq l-Isptar San Ġiljan talbet sabiex faċċata tad-dar tagħha jsiru sinjali sofor flimkien ma` *tow-zone* peress li qed issir ħsara mal-faċċata tad-dar. Il-Kunsill qabel illi jgħaddi dan l-ilment lill-A.D.T.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn resident ta` Triq ta` Mulejja biex isir xi forma ta` *railing* fejn jista` jiddendel iż-żibel sakemm jgħaddi l-i*scammel* peress li fl-art qed jitqatta` mill-qtates. Il-Kunsill qabel illi jwettaq dan l-ilment.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kumpanija ta` l-*insurance* talbet lill-Kunsill *'Health & Safety Audit'* tal-*Playing Field* sabiex ikun kopert mill-*insurance.* Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv talbet stima ta` dan l-*audit* mingħand *MSB Valletta Limited* li ġie ssuġġerit mill-kumpanija ta` l-*insurance* stess. L-istima hija ta` Lm75 – Lm100 + Vat + spejjez tat-transport. Il-Kunsill qabel illi għalissa dan ma jsirx peress li għandhom isiru s-*safety carpets.*
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-*belisha beacon units* iridu jsiru mill-kuntrattur peress li huma parti mill-kuntratt. Il-Kunsill qabel. Sadanittant intbagħtu lura l-*belisha lights* lill-*Koptasin* u dawn bagħtu *credit note* lill-Kunsill ta` Lm204.48,0.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġie mqabbad Victor Attard biex jagħmel xi xogħol ta` knis *extra* fl-okkażjoni tal-purċissjoni ta` l-Irxoxt. Dan aċċetta għall-ħlas ta` Lm6.

Għall-laqgħa ġie mistieden jattendi l-Avukat Chris Said sabiex jiġi diskuss il-bini ta` ħajt ta-sejjieħ li sar fi Triq ix-Xlendi mill-kuntrattur Pius Attard. L-Avukat staqsa jekk għaddewx sentejn minn meta sar dan ix-xogħol. Huwa ġie nfurmat li s-sentejn għaddew. L-Avukat qal illi l-kuntrattur m`għandux dritt għall-pagament. Is-Sindku qal li hu jaqbel li jsir il-ħlas tax-xogħol ta` taħmil, tal-konkos u tal-bini tal-ġebel tal-kantun. Il-Kunsill qabel. L-Avukat issuġġerixxa li jsir ftehim mal-kuntrattur li jitħallas parti mill-kont li jkun *in-full and final settlement*. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi peress li x-xogħol ġie ċertifikat mill-Perit li hu xogħol sewwa jistax il-kuntrattur idur fuq il-Kunsill fejn jgħidlu li dan ix-xogħol ġie ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill. L-Avukat wieġeb illi jrid imur il-Qorti biex jgħid dan. Il-Kunsill qabel illi l-Avukat jibgħat għal Pius Attard u jiftiehem miegħu sabiex jitħallas tax-xogħol tajjeb li sar.

Dwar ix-xogħol li kien sar fi Pjazza l-Għejjun mid-Dipartiment tad-Drenaġġ l-Avukat ra d-dokumenti u qal illi l-każ issa preskritt. Il-Kunsill ma jista` jagħmel xejn.

Għal-laqgħa attenda wkoll is-Superintendent tal-Pulizija t`Għawdex. Is-Sindku qal li bħalissa fil-Fontana diversi nies għandhom ċerta biża` minħabba l-kriminalita'. Is-Superintendent qal illi bħala għassa diffiċli biex tinfetaħ pero` l-*mobile squad* qed tagħmel il-parti tagħha. Is-Sindku semma l-punt ta` l-istorbju li jkun hawn fis-sajf. Is-Superintendent wieġeb illi dan għandu jiġi diskuss aktar `l quddiem. Is-Sindku staqsa dwar l-għassa fejn jirrigwardja l-bini taċ-Ċentru Ċiviku biex din tiġi rilaxxata lill-Kunsill u l-Kunsill joffri il-*multi-purpose room* lill-Pulizija kull meta jkollhom bżonn. Is-Superintendent talab lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Kummissarju fejn jiġi avżat li ssottomettejna l-pjanti lill-MEPA u navżawh bil-ħsieb li għandu l-Kunsill. Is-Superintendent issuġġerixxa illi navżawh kmieni kemm jista` jkun. Il-Kunsill qabel. Issemma wkoll il-punt tat-tiġrija. Is-Superintendent qal illi m`għandux ikun hemm problemi. Il-Kunsilliera Maria Schembri staqsiet dwar it-trakkijiet kbar u l-karozzi tal-linja li kollha jgħaddu minn hawn. Is-Superintendent infurmaha li dik hija kwistjoni ta` l-A.D.T.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Michael Bugeja ta stima sabiex jagħmel id-dawl tax-xelter ta` ħdejn l-Għejn il-Kbira għall-prezz ta` Lm180. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mis-Sur Michael Bugeja.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għall-*Prize Day* fl-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca.

Saret ukoll il-ħarġa għat-tfal f`Malta fil-vaganzi tal-Għid fejn żorna dawn il-postijiet, ir-riserva naturali ta` Wied Għollieqa fejn dawk preżenti ngħataw tagħrif dwar is-siġar Maltin li qed jikbru f`dan il-lokal, minn rappreżentanti tan-*'Nature Trust'*. It-tfal li attendew iddaħħlu membri għal sitt xhur ta` din l-N.G.O. mill-Kunsill. Wara żorna l-Fortizza Sant`Anġlu fejn rappreżentant ta` 'Wirt Artna' ta tagħrif ukoll dwar din il-fortizza. Wara morna l-Palazz ta` l-Inkwiżitur fil-Birgu stess u ż-żjara spiċċat f`Marsaxlokk fejn kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa ta` San Girgor.

Dwar il-każ tar-*road hump* fi Triq tal-Għajn il-każ ġie differit mill-Assistent Ġudizjarju.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li sid id-dar 'Ain Karem' fi Triq Għajn Tuta m`għadux interessat li ssir rampa fil-bankina. Dwar xogħol imwettaq mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sar ix-xogħol taż-żebgħa tar-*railing* l-isfel mill-Knisja, sinjali tat-traffiku u *maintenance* ta` l-għamara tat-triq fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Saru wkoll is-sinjali tat-traffiku ġodda li ġew approvati mill-A.D.T. Ingħatat ukoll donazzjoni ta` Lm30 lill-Fondazzjoni Arka. Huwa nforma wkoll lill-Kunsill li ġiet mreġġa` lura tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb li kienet nqalgħet minn Sqaq Bieb il-Għajn. Din instabet f`bitħa ta` residenza mhix okkupata. Sar ukoll rapport lill-Pulizija dwar serq ta` żewġ bankijiet li twaħħlu xi gimgħat qabel fi Triq Wied Siekel. Is-Segretarju Eżekuttiv

attendiet għall-laqgħa fil-bini tal-Fondazzjon Arka mal-Kummissjoni Persuni b`Diżabilita' li saret għall-Kunsilli Lokali Għawdxin.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar l-irranġar tal-ħsara li saret fit-telgħa l-isfel mill-Knisja, *railing*, fanal, *bollard* u *retaining wall*. Dawn għandhom jitħallsu minn min wettaq din il-ħsara. Huwa nforma wkoll lill-Kunsill li ħarġu l-offerti għar-restawr tal-Għajn il-Kbira, *Playcentre* fil-*Playing Field* u *Safety Carpets*. Huwa qal ukoll li hemm bżonn issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-*printed concrete* ta` Sqaq Bieb il-Għajn u taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja peress li issa għaddew snin min meta saru. Dan għandu jerġa' jingħata s-*sealer*. Il-Kunsill qabel.
Dwar il-ħarġa ta` jum għal Sqallija s-Sindku nforma lill-Kunsill li bl-ajru l-prezz hu madwar Lm80 u bil-katamaran hemm żewġ prezzijiet ta` Lm36 u Lm39 kollox imħallas minbarra l-ikel. Il-prezz jinkludi *coach* u gwida. Il-Kunsill għażel li jmur *Pozzallo*, *Taormina* u *Mount Etna* f`*Catania*. It-tluq ikun fis-6.45a.m. minn Malta fid-9.15p.m. lura minn *Pozzallo*. Il-Kunsill ser iħallas it-trasport f`Għawdex u f`Malta kif ukoll il-vapur. Għandhom jitqassmu l-applikazzjonijiet għal min irid jattendi.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu u l-Kunsillier Lorry Apap ġew avviċinati mir-residenti biex issir xi ħaġa b`urġenza fi Trejqet Wara l-Idjar peress li qed ikun impossibbli għalihom li jagħmlu użu minn din it-triq minħabba li għadha mingħajr wiċċ. Wara li saret konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill sar xogħol ta` twittija u ngħata wiċċ temporanju tal-konkos.
Is-Sindku qal ukoll li ġie avviċinat mill-Uffiċċjal responsabbli mill-Kultura f`Għawdex, is-Sur Kevin Sciberras, fejn stieden lill-Kunsill jgħin biex isir kunċert minn kor amerikan *"The Gospel Voices"* fejn l-ispejjeż, is-somma ta` madwar Lm400, jinqasmu bejn il-Kunsill u l-Kumitat tal-Kultura. Dan għandu jsir is-Sibt, 3 ta` Ġunju 2006 fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal illi dakinhar ikun xieraq li jiġi pprezentat id-*D.V.D.* dwar il-lokal tal-Fontana lil dan il-kor. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa għall-anzjani f`Malta. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta` Mejju 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku